MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 470/2002

**Joseph Bonello**

**Vs**

**Angelic Mifsud u Zachrome Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami intavolat mis-socjeta kummercjali PC Technologies Ltd. u li bih, wara li ppremettiet illi fit-28 ta' Novembru tas-sena 2001 l-intimand Joseph Bonello ottjena il-hrug tal-Mandat ta' Qbid Nru. 3274/2001 FF kontra l-intimandi l-ohra Angelic Mifsud u Zachrome Ltd., liema mandat gie esegwit billi l-Marixxal Francis Fenech, qabad mill-poter tas-socjeta' rikorrenti "TFT Screen tad-ditta High Vision Monitor", u dan kif jirrisulta mir-riferta tal-istess Marixxal:

Illi s-socjeta’ rikorrenti PC Techologies Ltd. hija ghal kollox estraneja ghal xi pendenzi bejn il-kreditur esekutant Joseph Bonello, u Angelic Mifsud u s-socjeta’ kummercjali Zachrome Ltd., u l-mandat ”de quo” gie esegwit mill-Marixxal fuq il-proprieta’ tas-socjeta’ rikorrenti fuq senjalazzjoni fl-istess mandat moghtija bl-akbar mala fede mill-istess Joseph Bonello;

Illi l-kreditur ezekutant qieghed jitlob l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda, liema oggetti, kif fuq intqal, jappartienu lis-socjeta rikorrenti, ghal kollox estraneja;

Illi l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ Qbid fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti hija abusiva u vesatorja ghall-ahhar u tirrasenta abbuz serju tal-procedura legali.

Talbet bir-rispett illi din l-Qorti  jogghobha twaqqaf l-esekuzzjoni tal-istess mandat fil-konfront taghha u tal-oggetti minghandha maqbudin.

Bl-ispejjes u b’riserva ta’ kull azzjoni u kull dritt ta’ azzjoni spettanti lis-socjeta’ rikorrenti.

Rat r-risposta ta’ Joseph Bonello (fol 15 tal-atti) u li biha espona bir-rispett illi, preliminarjament:

Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva li r-rikors huwa proceduralment irritu u null stante li sabiex jigi mpunjat il-qbid tal-oggett imsemmi fir-riferta tal-marixxal trid issir citazzjoni u mhux semplicement rikors.

Illi fil-meritu jigi rilevat li s-socjeta PC Technologies Ltd. ma resqet l-ebda prova, lanqas prima facia li t-TFT Screen tad-ditta High Vision Monitor huwa proprjeta taghha.  Ghalhekk ir-rikors ghandu jigi michud minnufih stante li t-talba tas-socjeta rikorrenti ma giet bl-ebda mod sostanzjata.

Illi ghar-rigward l-akkuza li l-esponenti ssenjala l-indirizz de quo “bl-akbar mala fede”, jinghad li l-mala fede gejja minn Angelic Mifsud stante li wara li l-esponenti istitwixxa proceduri fil-konfront tieghu u fil-konfront tas-socjeta

Power Centre Centre Company Limited, l-istess Angelic Mifsud biddel l-Isem tas-socjeta konvenuta Power Centre Company Limited ghal Zachrome Limited minghajr ma nnforma lit-Tribunal tal-Konsumatur. Di fatti kien proprju fl-ahhar seduta li tali informazzjoni waslet filwaqt lill-avukat sottoskritt li gharrafha lill-esponenti, Joseph Bonello.

Illi l-esponenti ghadu kif sar jaf ukoll li l-imsemmi Angelic Mifsud qieghed jiggestixxi negozju mill-fond minn fejn gie maqbud it-TFT screen in kwistjoni. Di fatti l-imsemmi Angelic Mifsud ikun kuljum fl-istess fond.

Ghalhekk, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-onor Qorti tichad bl-ispejjez it-talba tas-socjeta rikorrenti.

Rat ir-risposta ta’ Angelic Mifsud (fol 17 tal-atti) u li biha espona bir-rispett illi l-esponent ma jopponix it-talba tas-socjeta’ rikorrenti PC Technologies Ltd., kif dedotta fir-rikors taghha tas-26 ta’Gunju 2002;

Illi t-TFT Screen tad-ditta High Vision Montior maqbud, kif jirrizulta mir-riferta tal-istess marixxal huwa tas-socjeta’ PC Technologies Ltd;

Illi l-intimand Joseph Bonello, permezz tad-decisjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi tad-29 ta‘ Awissu 2000, kien gie kanonizzat kreditur tas-socjeta’ Zachrome Ltd., gja Power Centre Limited u mhux tal-esponent jew tas-socjeta’ PC Technologies Ltd;

Illi kemm l-esponent kif ukoll s-socjeta’ PC Technologies Ltd huma ghal kollox estraneji ghal xi pendenzi bejn il-kreditur esekutant Joseph Bonello u s-socjeta’ kummercjali Zachrome Ltd., u l-esekuzzjoni tal-mandat “de quo” giet esegwita mill-Marixxal fil-konfront tal-esponent u tal-socjeta’ PC Technologies Ltd, fuq senjalazzjoni fl-istess mandat moghtija bl-akbar mala fede mill-istess Joseph Bonello;

Illi dan l-agir tal-intimand, il-kreditur esekutant, fil-konfront ta’ terzi estraneji ghall-pendenza in kwistjoni, hija abusiva u vessatorja u tirrasenta abbuz serju tal-procedura legali;

Ghaldaqstnat u in vista tal-premess, l-esponent jissottometti bir-rispett illi l-ispejjes kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimand Jesmond Bonello.

B’riserva ta’ kull azzjoni spettanti lill-esponent kontra l-intimand Joseph Bonello.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti tal-kaz ghandu jigi notat is-segwenti:

1) Kif jidher mill-atti a fol 4 kien inhareg mandat ta’ qbid esekuttiv fl-ismijiet premessi u dan in esekuzzjoni ta’ decisjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur moghtija fid-29 ta’ Awissu 2000. Minn din id-decisjoni kien gie interpost appell li pero kien gie cedut fl-1 ta’ Gunju 2001 (ara fol 11 tal-atti). Hawnhekk jidher li l-okkju tal-kawza hu indikat bhala “Joseph Bonello vs Power Centre Company Ltd”.
2) In esekuzzjoni tal-istess mandat kien gie maqbud T.F.T. Screen tad-ditta “High vision Monitor” u dan fl-indirizz “P C Technologies Ltd” f’46, Triq Hompesch Zabbar. Fl-istess verbal ta’ esekuzzjoni jinghad “ ….. li gejt informat minn Angelic Mifsud li dan l-oggett indikat hawn fuq huma tad-ditta PC Technologies Ltd”
3) Mis-7 ta’ Jannar 2003 sallum, is-socjeta’ rikorrenti ma resqet ebda prova jew orali jew permezz ta’ dokumenti rilevanti in sostenn, tat-talba kif dedotta mill-istess rikors (ara fol 28 u 30 tal-att).
4) Da parti tal-intimat, id-difensur tieghu (fol 36 et seq ibid) gab il-prova illi, permezz ta’ rezoluzzjoni tal-azzjonisti tal-kumpanija “Power Centre Company Limited” li ggib id-data tat-22 ta’ Dicembru 1999 kien gie diecis li l-isem ta’d in il-kumpanija jinbidel ghal “Zachrome Limited” b’effett mit-22 ta’ Dicembru 1999 (ara fol 38 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi oltre li ma tressqet ebda prova skond il-ligi dwar dak premess fl-istess rikors u relattivament ghat-talba in esami, jidher li hemm bazi sabiex jissusisti dubju ragjonevoli u dwar dak premess fl-istess avviz. Difatti jidher, fuq basi ta' probabilita' illi Angelic Mifsud qed jirrikorri ghal stratagemma permezz ta' bdil ta' isem ta' kumpanija sabiex jevadi dak li ghalih gie kundannat li jhallas lill-intimat.

Illi ghalhekk, it-talba in esami ma tistax tigi akkolta f'dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi u fid-dawl ta' dak kollu premess tichad it-talba bl-ispejjes kontra s-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------